Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## WARA L-FESTI TA' SAN PAWL, ARTI, KULTURA U FIDI

Kienet esperjenza sabiħa l-festi li-ċċelebrajna fil-lokalita' tagħna ġewwa Marsalforn fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet. Il-festi Pawlini li organizzajna mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra u b' kollaborazzjoni sħiħa mal-komunita' ta' San Pawl f' Marsalforn f' temp xitwi iżda bil-bnazzi kien ingredjent tajjeb biex l-iskop li norganizzaw attivitajiet fix-xhur tax-xitwa jintlaħaq. Dawn l-attivitajiet huwa possibbli li norganizzawhom grazzi għal inċentivi u l-opportunitajiet li joffrilna s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Minn dawn il-fondi bbenefikajna s-somma ta' 5,000 ewro għal din l-attivita'. Suġġerimenti ta' min jikkonsidra għas-snin li ġejjin huma li filwaqt li l-festa ta' nhar il-Ħadd kienet imfaħħra ħafna biż-żewġ Baned taż-Żebbuġ u tax-Xagħra jikkumplimentaw lil xulxin waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Pawl qalb il-baned, l-attivitajiet tal-Ġimgħa u s-Sibt li għamilna fi Pjazza San Pawl ma tantx kien hemm attendenza minħabba l-kundizzjoni tat-temp kiesaħ li kellna. Fl-aħħar mill-aħħar dak li tistenna fl-aqwa tax-xitwa. Dawn l-esperjenzi tajjeb li wieħed jikkunsidrahom meta jiġi biex ifassal il-programm tas-snin li ġejjin. Grazzi lil kull min attenda u pparteċipa għal dawn il-festi.

## ĦARĠA GĦALL-ANZJANI

Wara li mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra ċċelebrajna l-festi Pawlini f' Marsalforn issa ġejna mistiedna biex l-anzjani tal-lokalita' tagħna jipparteċipaw f' attivita' li dan il-Kunsill ser jorganizza mal-komunita' ta' San Pawl f' Marsalforn. L-attivita' ser tiġi organizzata nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010 u li tikkonsisti f' quddiesa fil-knisja ta' San Pawl filgħodu li tkun segwita bi pranzu speċjali fil-lukanda CALYPSO buffet għal prezz ridott ta' €15. Din l-attivita' ser tkun kumplimentata bil-logħob tat-tombla u ser tkun okkażjoni biex anzjani miż-Żebbuġ u Marsalforn flimkien ma' anzjani mill-lokalita' tax-Xagħra jiltaqgħu f' atmosfera ta' talb u divertiment. Min huwa nteressat li jattendi mill-lokalita' tagħna għandu jinkiteb jew iċempel il-Kunsill fuq in-numru 21563056 sa nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2010.

## IL-KARNIVAL TAŻ-ŻEBBUĠ

L-attivitajiet tal-Karnival li nżommu u norganizzaw fil-lokalita' tagħna ser ikunu nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2010. Għalhekk kull min jixtieq jipparteċipa f' din l-attivita' huwa ġentilment mitlub jinkiteb il-Kunsill sa nhar il-Ġimgħa 5 ta' Frar 2010 billi jċempel 21563056. Ir-regolamenti tas-snin l-imgħoddija ser ikunu applikati u l-kompetizzjonijiet tas-soltu ser ikunu organizzati. Ta' min isemmi li mhux bil-fors kull min japplika ser jipparteċipa għax ser jingħataw prijorita' lill-għaqdiet mill-lokalita' u parteċipanti fuq parteċipanti barranin. Deċiżjoni finali u programm dettaljat ser ikun konkluż fil-laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm nhar it-Tlieta 9 ta' Frar 2010.

## XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA'

Kif jaf kullħadd bħalissa ninsabu għaddejjin bix-xogħol ta' tarmak f' Marsalforn. Triq il-Forn diġa ngħatat l-ewwel kisja tarmak u fi Triq Sta Marija s-servizzi ta' l-ilma huma lesti u qegħdin fl-istadju biex nagħtu l-ewwel kisja tarmak. Fi Triq il-Wied, għadna qegħdin nistennew ir-riżultat tat-testijiet li saru biex nikkalkulaw id-densita' tal-materjal li hija komposta s-sodda tat-triq bħalissa.

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Viċi Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo Kunsilliera**

**Il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2010** **Nru. 02/2010**